SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 43**

**IT-TNEJN 22 ta' NOVEMBRU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |
| KUM. AMM.MADLIENA | MARYANNE ABELA |

**SKUŻAT:**

| | |
|---|---|
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 42 ġew approvati.Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx si risposta dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet tal-culverts fis-Swieqi u tal-ħitan tas-sejjieħ fil-Madliena. Il-Kunsillier ġie nfurmat li għad ma waslitx risposta.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar il-Pelican lights fi Triq ta' l-Ibrag fil-viċinanza tal-Lukanda Halland. Il-Kunsillier ġie nfurmat li għad ma waslitx risposta pero' dwar l-istess suġġett ser issir laqgħa fuq il-post nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2010 fis-2.30p.m.

3. Il-Kunsillier fakkar dwar ir-rifreskar ta' marki taż-Żebgħa tat-traffiku fi Triq l-Ispiera. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn għad ma sarux minħabba l-maltemp.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslix xi risposta mit-Transport Malta dwar l-installar ta' barrier fi Triq is-Sidra kantuniera ma Triq is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din ser tiġi diskussa waqt il-laqgħa li ser issir ma uffiċjali ta' TM nhar l-erbgħa 1 ta' Diċembru 2010.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Kuntrattur tad-dawl dwar id-dewmin fit-tiswijiet u l-kontijiet.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li nkitbet ittra ta' ringrazzjament lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-għajnuna tiegħu waqt l-attivita Haloween.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli..........................)

3. Is-Sindku nfurmat li ġew ippublikati l-offerti dwar it-tiżjin bid-dawl fil-ġonna waqt il-festi tal-Milied u dwar ir-rapport SEAP (patt tas-Sindki).
   Dwar l-offerta tat-tiżjin tad-dawl il-Kunsill ikkonkluda li jekk tiġi ppreentata offerta waħda allura din għandha tiġi aċċettata, mingħajr il-bżonn li tiġi diskussa fl-laqgħa oħra tal-Kunsill. Dan minħabba li d-dawl fil-ġonna irid jiġi mixgħawl fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2010.

4. Is-Sindku rreferiet għall-korrispondenza li kienet inkitbet lid-dipartment ta' Gvern Lokali dwar għajnuna ta' kiri ta' grounds biex jintużaw għat-training tas-Swieqi United Football Team.
   Il-Kunsill ġie nfurmat li r-risporta tad-dipartiment kienet negattiva u għaldaqstant dan il-Kunsill ma jistgħax jgħin f' dak ir-rigward.

5. Is-Sindku staqsiet dwar l-ikla tal-Milied għall-Kunsillieri u l-membri tal-Kumitat Amminstrattiv tal-Madliena. Il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ikkonkluda ukoll li din għandha ssir fil-lejla tal-21 ta' Diċembru 2010.

6. Il-Kunsill qabel li għandha titwal it-traffic calmer fin-naħa ta' fuq ta' Triq ta' l-Ibraġ.

7. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu ppublikati fl-offerti għall-manutenzjoni tat-Tennis Court. Dawn jiġu ppublikati skond l-ispesifikazzjoni li ġew diskussi mill-Perit tal-Kunsill fis-seduta preċedenti.

8. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-Ministru George Pullicino. F' din il-laqgħa jiġu diskussi l-aħħar żviluppi dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa.

9. Is-Sindku ppreżentat rapport finanzjarju li jkopru x-xhur ta' Lulju Awissu u Settembru 2010. Ir-rapport jindika bilanċ possittiv.

10. Il-Kunsill reġa ddiskuta ir-resurfacing ta' Triq il-Qasam, il-bilanċ ta' fondi li ser jibq min din is-sena finanzjarja għandu jintuża għal din it-Triq. Il-Kunsill talab ukoll li qabel ma jibdew ix-xogħlijiet għandu jiġi eliminat il-problemi ta' ilma li jinġabar fil-viċinanza ta' ħwienet.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier irraporta li t-tabella tal-Merħba Swieqi fi Triq il-Marbat tinsab moħbija bil-weraq tas-siġar. Hu staqsa sabiex din tinkixef.

**Mill-Kunsillier Rene Rossignaud**

2. Il-Kunsillier irrimarka dwar l-istorbju li ta' sikwit issir fil-ġnien ta' Triq is-Swieqi minn żgħażagħ Maltin. Dwar dawn il-problemi hu kellu kuntatti ma' l-ispettur Trevor Micallef mill-għassa ta' San Ġiljan. L-ispettur wiegħed li ser iżied ir-ronda f' din iż-żona.

3. Il-Kunsillier irraporta wkoll dawl diffettuż eżatt fuq ir-residenza – 55 Triq is-Sidra.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier fakkar li għad ma sarux il-kurduni neqsin fil-bankina ta' Triq il-Marbat.

2. Il-Kunsillier irraporta wkoll dwar crane stazzjonat fi Triq is-Sirk. Dan qed jibqa fit-Triq anki matul il-lejl b'konsegwenza li jista' jkun ta' periklu għal xi sewwieq matul il-lejl. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mas-Sur David Soler Authorised Officer ta' LES.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta ta' indikazzjoni dwar meta ser tibda topera is-sistema Park & Ride minn Pembroke. Is-Segretarju Eekuttiv nforma li din ser tibda topera mis-Sena d-dieħla 2011, pero' eatt meta għad mhux magħruf. Il-Kunsillier staqsa biex tintbagħat reminder.

2. l-Kunsillier talab biex jinbidlu l-avvii fin-notice board ta' Villa Rosa. Hu staqsa ukoll biex jeħel l-avviż tal-probramm ta' l-outing għall-anzjani.

3. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk sarux xi żviluppi fl-inġieb ta' skrivan/skrivana ġdida mall-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dalwaqt ser issir ix-xort listing u wara l-interviews.

4. Il-Kunsillier irraporta wkoll il-bżonn ta' tindif tal-merħba sign fi Triq is-Swieqi kantuniera ma'Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' Wied Għomor.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkomplu..................)

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

5. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi korrispondenza mill-Mepa dwar iċ-ċint tas-sejjieħ mibni il- barra mill-livel tal-bankina fin-naħa ta' fuq ta' Triq l-Ibrag kantuniera ma Triq is-Siegħ. Is-Segretarju Eekuttiv wieġeb li min informazzjoni jaf li dan il-kaz għadu pendenti f' kawza l-qorti.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa ma' l-uffiċċjal mill-Ministeru tat-Turiżmu dwar l-introduzzjoni tas-Swieqi li jifforma parti mit-Tourist Zone. Il-Kunsillier ġie infurmat li din il-laqgħa għad ma saritx minħabba li l-persuna inkarigata tinsab imsiefra. Il-Kunsillier talab biex dan l-appuntament isir mill-aktar fis.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETAJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma dwar il-laqgħa pubblika annwali tal-Kunsill. Wara diskuzzjoni, ġie deċi li din issir fit-13 ta' Jannar 2011 u ssir fis-sala tal-Paroċċa. Is-Segretarju Eekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika dwar id-data mall-Kappillan.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma dwar il-ħtieġa ta' l-uniformi tax-xitwa għall-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li dawn jiġu ordnati.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waslet l-approvazzjoni mit-Transport Malta għall-installar ta' Traffic Calmers fi Triq ta' l-Ibrag, Triq il-Gejza u Cafcaf Lane fil-Madliena. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk huwiex importanti lil-Kunsill ikollu programm tat-Televizjoni mal-Melita minħabba li dan qed jiswa lill-Kunsill madwar €100 kull xahrejn, Il-Kunsill ideċieda li dan is-servizz għandu jinbidel għar-reception.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza mill-uffiċċju ta' Dr. Chirs Said. Din il-korrispondenza bid-data tad-9 ta' Novembru 2010 tirrigwardja l-Kumitat Amminsitrattiv tal-Kunsill tal-Madliena.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill japprova li jingħalaq bank account tal-Youth Exchange ma' HSBC li ma għadux jintuża . Il-bilanċ ta' €120.20 jiġi trasferit f'account iehor fl-istess bank. Il-Kunsill approva.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

**Il-laqgħa spiċċat fit-9.15p.m. u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2010 fil-5.00p.m.**

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **CARMEN SAID** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |